**15 ta' Settembru, 1989**

**Imhallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Agnes mart Charles Mattocks *et*

*versus*

Victor Mckeon

## Arrikiment Indebitu – *Actio De in Rem Verso* – Prinċipju illi *Nemo Lucupletari Licet Cum Aliena Jactura*

*Każ ta' ċessjoni ta' lokazzjoni, attrezzaturi u għamara u stokk. Irriżulta illi ġie ttrasferit surplus stock oltre l-prezz pattwit. L-atturi eżerċitaw b'suċċess l-azzjoni de in rem verso.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi bi skrittura privata tal-5 ta' Frar, 1981, l-atturi ċedew il-ħanut, proprjetà tal-Gvern, 2 Dorell Place, Santa Lucia, a favur tal-konvenut; illi skond l-imsemmija kitba l-atturi biegħu lill-konvenut (a) l-avvjament ta' l-imsemmi ħanut bil-valur ta' Lm500, (b) l-għamara u l-armar fl-istess ħanut bil-prezz ta' Lm450, u (ċ) l-*istock* eżistenti bil-prezz ta' Lm1,350 – b'kollox Lm2,300; illi dan il-ftehim ġie superat fis-sens illi stante li kien hemm diversi oġġetti li diġà kienu ordnati u dawn baqgħu jaslu fil-ħanut sakemm dan għadda f'idejn il-konvenut, u ġew aċċettati minnu, il-partijiet qablu bejniethom li jagħmlu flimkien *'stock-taking'* biex jiġi stabbilit il-valur tas-*'surplus stock'*, peress li dan ma setax kien inkluż fil-ftehim; illi minn dan l-*'istock taking'* irriżulta illi l-*istock* kollu kien jiswa Lm2, 336.94c0, fil-waqt illi skond il-ftehim "il-valur ta' l-*istock* fid-data tar-rilaxx tal-fond għandu jammont għal Lm1,350", u għalhekk irriżulta *'surplus-sotck'* tal-valur ta' Lm986.94c, liema *stock* ġie aċċettat mill-konvenut wara li saret il-kitba privata hawn fuq imsemmija; illi l-konvenut kompla jżomm l-imsemmi *'stock'*, li ilu għandu minn Ġunju ċirka ta' l-1981, u qed jirrifjuta li jħallas il-valur tiegħu, fil-waqt li qed jagħmell negozju minnu; u peress illi f'kull każ il-konvenut ma jistax jirrikkixxi ruħu inġustament minn dawn iċ-ċirkostanzi li ssuperaw il-ftehim, u dan għaliex "*nemo locupletari licet cum aliena jactura*"; l-istanti **talbu** illi, għar-

raġunijiet premess, (1) jiġi ddikjarat u deċiż minn din il-Qorti li l-atturi huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' Lm986.94c, bħala valur ta' l-imsemmi *'surplus-stock'*; u (2) din il-Qorti tikkundanna *lill*-istess konvenut *iħallashom l-imsemmija somma* ta' Lm986.94c, bl-imgħax legali mill-11 ta' Ġunju, 1981, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri tat-22 ta' Diċembru, 1981 u tat-3 ta' April, 1982, u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' April, 1982, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 560/82;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 26) li biha qal: (1) illi l-ewwel talba attriċi hija infondata, peress li l-konvenut m'għandux jagħti l-ammont pretiż, u peress li l-partijiet kienu obbligaw ruħhom "li fil-futur ma jressqux kontra xulxin l-ebda pretensjonijiet oħra"; u (2) illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba m'għandhiex tiġi milqugħa, stante li f'kull każ il-konvenut għandu jkollu l-fakoltà li ma jakkwistax l-ammont ta' *stock* li jissupera s-somma miftehma u li l-konvenut kien ippreparat jakkwista u li dwarha ftiehem;

*Omissis;*

Illi bi skrittura privata tal-5 ta' Frar, 1981 (kopja ta' esebita bħala dok. A, fol. 5/6 tal-proċess) l-atturi ċedew lill-konvenut aċċettanti l-lokazzjoni tal-fond numru 2, Block VIII, Dorell Place, Santa Lucia, proprjetà tal-Gvern u adibit bħala ħanut għall-bejgħ ta' ħwejjeġ, ilbies u oġġetti affini. Din iċ-ċessjoni saret, fost pattijiet oħrajn, "bil-prezz ta' elfejn u tliet mitt lira (Lm2,300): – (a) kwantu għal ħames mitt lira (Lm500), valur tal-*goodwill* ta' l-imsemmi ħanut; (b) kwantu għal erba' mija u ħamsin lira (Lm450), *prezz ta' għamara u armar ta' l-imsemmi* ħanut; u (ċ) kwantu għal elf, tliet mija u ħamsin lira (Lm1,350) prezz ta' l-*istock* kollu eżistenti fl-isemmi ħanut, u għalhekk il-

valur ta' l-*istock* fid-data tar-rilaxx tal-fond għandu jammonta għal Lm1,350'' – (Klawsola 4 ta' l-iskrittura);

Illi l-partijiet infurmaw lill-Kummissarju ta' l-Art b'din il-proposta ċessjoni; u kif solitu jsir saret sejħa mill-Gvern għall-offerti għall-kiri tal-ħanut. Il-konvenut kif kien obbliga ruħu fl-imsemmija skrittura, għamel offerta, u eventwalment il-ħanut ġà allokat lilu f'Mejju ta' l-istess sena;

Illi fil-frattemp, jiġifieri bejn il-5 ta' Frar, 1981 (data ta' l-iskrittura msemmija) sakemm il-ħanut ġie allokat lill-konvenut, l-atturi baqgħu imexxuh huma, naturalment fl-interess tagħhom, però anki biex jiġi ppreservat il-*goodwill* tiegħu. Huma jgħidu li anki f'dak iż-żmien huma baqgħu jixtru merkanzija ġdida; għalkemm il-konvenut u l-familjari tiegħu, li joqogħdu viċin il-ħanut, jgħidu li f'dak l-intervall il-ħanut qajla kien jinfetaħ mill-atturi, u jiċħdu li qatt raw merkanzija ġdida dieħla fil-ħanut. Il-provi li ġabu l-attur dwar ix-xiri ta' *stock* ġdid huma pjuttost skarsi u nebulużi. Mandankollu jibqa' fatt li meta ġew l-atturi biex jagħtu *'hand-over' tal-ħanut lill-konvenut, f'Mejju jew Ġunju, 1981, saret lista ta' l-istock* allura eżistenti fil-ħanut bil-prezzijiet relattivi, u minnha jirriżulta sodisfaċentement li l-valur ta' l-*istock* kien ta' elfejn tliet mija u sitta u tletin lira erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm2,336.94c). Din il-lista ġiet kompluta minn familjari stess tal-konvenut bl-għajnuna s'intendi ta' l-atturi, u kopja tagħha ġiet esebita mill-atturi bħala dokument 'B' (fol. 7/24) u mill-konvenut bħala dokument 'D' (fols. 374/393); u l-konvenut jammetti li huwa kien attwalment irċieva l-oġġetti kollha elenkati f'din il-lista (ara xiehda konvenut fol. 287) u fetaħ il-ħanut għan-negozju b'dawk l-oġġetti. Fil-fehma tal-Qorti huwa immaterjali jekk din il-lista tissejjaħx ''*stock-taking*'' (kif jgħidu l-atturi) jew inkella ''lista ta' prezzijiet'' (kif

isostni l-konvenut, peress li kellu bżonnha għaliex kien għadu sajjem fin-negozju). L-importanti għall-fini ta' din il-kawża huwa, li jirriżulta sodisfaċentement li l-valur ta' l-*istock* fiż-żmien rilevanti kien ta' Lm2,336.94c u mhux ta' Lm1,350 – kif kellu jkun skond l-iskrittura tal-5 ta' Frar, 1981 – differenza ta' Lm986.94c;

Illi huwa veru li l-valur ta' l-*istock* ma ġiex komputat dak il-ħin li sar il-*'hand-over'*, imma sar wara unilaterilment mill-atturi, u fuq il-lista tagħhom biss. Madankollu minn eżami flimkien tad-dokumenti 'B' u 'D', jirriżulta li għal dik li hija kwantità u deskrizzjoni ta' l-oġġetti nklużi fl-*istock* dawn huma identiċi; l-unika differenza li hemm bejn iż-żewġ listi hija li f'dik esibita mill-konvenut hemm xi prezzijiet neqsin (ara paġni 7, 9, 11, 13, u 17 tad-dokumenti 'B' li jikkorrispondu għal paġni 374, 376, 378, 380 u 384 tad-dokumenti 'D'). Però apparti l-fatt li l-prezzijiet neqsin m'humiex ħafna u huma ta' portata żgħira, l-istess konvenut sostanzjalment ma kkontestax il-korrettezza tagħhom. Issa, l-atturi waslu għall-valur ta' l-*istock* billi sempliċement immoltiplikaw in-numru minn kull interpretazzjoni ta' xi klawsola ta' l-iskrittura (kif ġara f'dan il-każ), il-kwistjoni tkun trid tiġi risoluta mill-Qrati, u f'dak il-każ, il-parti konvenuta ma tistax tissolleva l-punt li, skond l-iskrittura ma jistgħux jitressqu pretenzjonijiet oħra. "Din il-kawża", kompla jgħid il-perit, "mhux xi pretensjoni ġdida da parti ta' l-atturi, iżda qed issir biex tiġi esegwita l-volontà" tal-partijiet kif manifestata fl-iskrittura" (ara. para. 17 tar-relazzjoni fol. 157 tal-proċess);

Illi l-interpretazzjoni tal-klawsola 6 ma hija xejn affattu faċli. Iżda wara konsiderazzjoni bir-reqqa, il-Qorti tinklina li taqbel mal-konklużjoni perital f'dan ir-rigward. Infatti, skond l-istess

klawsola l-partijiet irrinunzjaw *"a priori"* għal azzjonijiet dwar pretensjonijiet oħra **għajr** dawk dwar "drittijiet naxxenti minn din l-iskrittura". Issa, skond l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, "il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, l-ekwità, bl-użu jew bil-liġi". Ċertament il-mertu tat-talba odjerna huwa konsegwenza ekwitattiva li ġabet magħha l-obbligazzjoni kontenuta fil-paragrafu (ċ) tal-klawsola numru 4, fil-kuntest ġenerali ta' l-istess klawsola, u b'mod partikolari in vista ta' l-interpretazzjoni li ġiet mogħtija lill-istess paragrafu (ċ) u kif żviluppaw il-fatti. Għalhekk, l-istess mertu għandu jiġu kkunsidrat bħala naxxenti mill-istess skrittura tal-5 ta' Frar, 1981. Inoltre, skond l-artikolu 1009 ta' l-imsemmi Kodiċi, inkluż taħt it-titlu "Fuq l-Interpretazzjoni tal-Kuntratti", fid-dubju l-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu tkun saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni. Fil-kuntest in diżamina, l-atturi ntrabtu favur il-konvenut li ma jipproċedux ġudizzjarjament fuq pretensjonijiet oħra għajr dawn naxxenti mill-iskrittura, u kwindi kull dubju għandu jmur favur tagħhom. Ħaġa ċerta li titnissel mill-klawsola in kwistjoni hija, li l-atturi ma setax iġiegħlu lill-konvenut jieħu s-*'surplus stock'*, jiġifieri dak in eċċess għall-valur ta' Lm1,350; iżda *una volta* huwa aċċetta, żamm għandu u ddispona kif deherlu huwa minn dak is-*'surplus stock'*, jitnissel id-dritt ta' l-atturi li jipproċedu kif fil-fatt għamlu;

Illi fl-aħħarnett il-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li t-talba attriċi tirriżulta ġustifikata, u l-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' Lm986.94c. Minn eżami tal-provi proċesswali u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' din il-konklużjoni. Infatti, mill-

lokuzzjoni li biha hija reatta ċ-ċitazzjoni, jidher li l-attur qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni "*de in rem verso*", jiġifieri l-azzjoni għar-rikavat ta' dak li seta' safa ta' ġid għall-konvenut mis-'*surplus stock*' in kwistjoni. Ta' min forsi jirrileva li f'dan il-każ l-atturi ma setgħux jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja, billi s-"*surplus stock*" m'għadux fil-pussess tal-konvenut. Fi kliem ieħor l-atturi m'humiex qed jeżerċitaw l-azzjoni "*ex contractu*", imma invece l-azzjoni sussidjarja "*de in rem verso*", li hija konċessa proprju f'dawk il-każijiet meta m'hix esperibbli l-azzjoni "*ex contractu*", u għandha l-fundament u limiti fil-vantaġġ arrekat, konformement mal-prinċipju "*nemo locupletari licet cum aliena jactura*";

Illi waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża, fuq domanda tal-Qorti, l-avukat ta' l-atturi qal li l-vantaġġ arrekat mill-konvenut kienet id-differenza fil-valur ta' l-*istock*, ċjoè bejn il-valur attwali fil-waqt tar-rilaxx għall-valur aspettattiv iddikjarat fl-iskrittura tal-5 ta' Frar 1981 – l-ammont ta' Lm986.94c, mitlub fiċ-ċitazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan kien ireġi kieku ġie ppruvat li l-konvenut biegħ l-*istock* kollu li ħa mingħand l-atturi, u li altrimenti biex jakkwistah kien jonfoq l-ammont pretiż, mill-atturi. Però dan ma jirriżultax; anzi pjuttost jidher li parti mill-*istock* kienet "*damaged*" u ma nbigħetx. Iżda vantaġġ il-konvenut ċertament għalhekk, il-Qorti bil-fors ikollha tiffissa dak il-vantaġġ arrekat mill-konvenut '*arbitrio boni viri*'; u hekk tistabbilixxi dak l-ammont fis-somma ta' Lm750 (seba' mija u ħamsin lira);

Għal dawn il-motivi, u prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali kif modifikata:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet attriċi, fis-sens li tiddikjara lill-

atturi kreditituri tal-konvenut fis-somma ta' Lm750, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi dan l-ammont ta' Lm750, bl-imgħax legali mill-11 ta' Ġunju, 1981;

L-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal kwart mill-atturi, u tliet kwarti mill-konvenut;